MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1185/2008

Edwin Caruana u martu Carmen Caruana
vs
Hanee Company Limited u Michael Bharwani u Christine Bharwani

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-konjugi Caruana li bih eccepew:

1. Illi r-rikorrenti flimkien mas-socjeta` intimata Hanee Company Limited kienu ghamlu skrittura privata datata 30 ta’ Lulju, 2002 fejn ir-rikorrenti taw b’titolu ta’ lokazzjoni lis-socjeta` initmata showroom li tikkonsisti fi tliet sulari fi Triq Dun Karm gewwa l-Iklin;

2. Illi l-intimati Michael u Christine konjugi Bharwani accettaw permezz ta’ l-istess skrittura li jiggarantixxu l-obbligi kollha assunti mis-socjeta` intimata;

3. Illi skond l-istess skrittura, il-kera ghandha tihallas bis-sena 'l quddiem, liema kera kellha tithallas fis-16 ta' Settembru, 2008 fl-ammont ta' ewro 42,278.13c (tnejn u erbghin elf mitejn u tmienja u sebghin ewro u tlettax-il centezmi) flimkien mal-imghax kummercjali;

4. Illi l-intimati wara li gew interpellati diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru, 2008 u mandat ta' sekwestru, mir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ammont ta' kera fuq citat, dawn ipprezentaw lir-rikorrenti cekkijiet li meta gew ipprezentati l-bank ma gewx onorati;

5. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u r-rikorrenti Edwin Caruana ipprezenta mar-rikors affidavit guramentat skond l-artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti in vista tas-suespost talbu lil din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. Tiddikjara l-intimati debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' ewro 42,278.13c (tnejn u erbghin elf mitejn u tmienja u sebghin ewro u tlettax-il centezmi) flimkien mal-imghax kummercjali;

3. Tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk dovut flimkien mal-imghax legali mid-data tas-16 ta' Settembru, 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjes, u l-intimati gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li gew ipprezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat l-affidavit ta' Edwin Caruana fejn issemma li r-rikorrenti flimkien mas-socjeta` intimata Hanee Company Limited kienu ghamlu skrittura privata datata 30 ta' Lulju 2002 fejn ir-rikorrenti taw b'titolu ta' lokazzjoni lis-socjeta` initmata *showroom* li tikkonsisti fi tliet sulari fi Triq Dun Karm gewwa l-Iklin. Illi l-intimati Michael u Christine konjugi Bharwani accettaw permezz ta' l-istess skrittura li jiggarantixxu l-obbligi kollha assunti mis-socjeta` intimata. Illi skond l-istess skrittura, il-kera ghandha tithallas bis-sena 'l quddiem, liema kera kellha tithallas fis-16 ta' Settembru, 2008 fl-ammont ta' €42,278.13, flimkien mal-imghax kummercjali. Illi l-intimati wara li gew interpellati diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru, 2008 u mandat ta' sekwestru, mir-rikorrenti, sabiex ihallsu l-kera, dawn ipprezentaw lir-rikorrenti cekkijiet li meta gew ipprezentati l-bank ma gewx onorati. Sostna li dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut.

Rat illi fis-seduta tal-lum deher l-intimat Michael Bharwani u ta ruhu b'notifikat bil-mozzjoni ta' l-appuntament ghall-intimati.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk qed tiddeciedi l-kawza skond id-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 ghax gustifikata u peress li tirrizulta pruvata qed tilqaghha u filwaqt li tiddikjara l-intimati debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' €42,278.13c flimkien mal-imghax kummercjali, qed tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk dovut flimkien mal-imghax legali mid-data tas-16 ta' Settembru, 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Spejjes kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------